MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 738/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**
**VS**
**JOHAN CHARLES SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Johan Charles Scerri ta' 28 sena, bin Felice u Yvonne nee' Debono, mwieled nhar it- 22 ta' Otturbu 1983 Pieta', residenti 13, Flat 3, Triq it- Turgien, Valletta u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 551383M;

Talli ;

1) f’ dawn il- gzejjer f’ diversi postijiet fl- 14 ta’ Lulju ghal habta tas- 6.30pm u fil- gimghat ta’ qabel, ikkommetta serq ta’ gizirajjen tad- deheb li jammontaw ghal aktar minn €232.94 izda inqas minn 2,329.37 ghad-detriment ta’ Mary Doris Ebejer ID 452942M u Carmela Micallef ID 814144M, Lorenza Msucat ID 712332M u Ines Grech 782229M u dan aggravat bil- valur;

2) aktar talli fis- 17 ta’ Lulju 2012 ghal habta tat-8.30pm f’ San Pawl il- Bahar bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta dan id- delitt liema delitt ta’ serq ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tal- imputat. Liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil- vjolenza u l- valur u dan ghad- dannu ta’ theresa Schembri ID 82948M;

3) aktar talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna griei ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Theresa SchembriID 82948M skont kif iccertifikat Dr L.Gatt Reg no, 2198 mic- centru tas- sahha tal-Mosta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tittratta sommarjament mal-imputat;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-qorti qed issibu hati u ghalhekk ser tghaddi minnufih ghall-piena wara lit kun rat il-fatti tal-kaz fil-qosor. L-imputat inqabad in flagrante delicto jipprova jisraq gizirana minn fuq mara tal-eta’ ta’ 64, izda s-serq ma sehhx peress illi l-istess mara, Theresa Schembri, irresistietlu. Dak il-hin kienu ghaddejjin il-Pulizija u arrestawh minnufih, u fit-tehid tal-istqarrija tieghu ammetta tlitt serqiet ohra simili ghal dik li pprova jaghmel. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Kwantu ghall-piena, l-interess ewlieni tad-derubati hu li jigu kumpensati ghad-dannu li sofrew. L-imputat jidher li kellu kundanni ohra fil-passat, izda m’huwiex recidiv. Sabiex taccerta ruhha mill-hlas tal-valur tal-oggetti misruqa minnu, il-Qorti sejra taghti piena ta’ sentenza ta, prigunerija sospiza, flimkien ma’ ordni ta’ supervizjoni u ordni ta’ hlas lill-vittmi tas-serq. Dan qed isir bl-iskop li l-imputat verament jifhem il-hsara li l-ghemil tieghu jikkawza lis-socjeta’, u jinghata opportunita’ biex jaghmel tajjeb ghal dik il-hsara. Fin-nuqqas, il-Qorti ma jkollhiex triq ohra hlief li ddahhal fis-sehh is-sentenza ta’ prigunerija b’effett immedjat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 41 u 221 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mija w tmenin ewro (€180) lil Mary Doris Ebejer, sitt mitt ewro (€600) lil Carmela Micallef, sitt mitt ewro (€600) lil Lorenza Muscat u sitt mitt ewro (€600) lil Inez Grech fi zmien sitt (6) xhur ai

terminu tal- Kapitolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------